Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Numru. 282/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 12 TA' GUNJU 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**IGINO GRECH**
**CARMEL GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Igino Grech ta’ 43 sena, bin Carmel u Mary nee’ Borg, mwieled Mtarfa nhar il- 15 ta’ Ottubru 1964, u residenti fil-fond ‘l-Gharix’ , Triq Antonio Schembri, Kappara, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 501364(M);

Carmel Grech ta’ 65 sena, iben Gaetano u Rita nee’ Buttigieg, imwieled 25 ta’ Settembru 1942 Valletta, u residenti 34 l- Gharix, Triq Antonio Schembri, San Gwann , detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 556242M;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
F’dawn il- Gzejjer, nhar il- 4 ta’ Ottubru 2007, ghal habta ta’ 8.15am gewwa Trejqet l- Apparel u Triq Antonio Schembri, Kappara, San Giljan, minghajr il- hsieb li joqtlu jew iqieghdu l-hajja fil- periklu car, ikkagunalu feriti ta’ natura gravi fil- gisem ta’ Robert Edward Bonnici.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il-verbal ta’ llum, fejn il-parte civile iddikjara li l-offizi sofferti minnu kienu fil-fatt ta’ natura hafifa;

Rat illi l-imputati, minghajr ammissjoni, skuzaw ruhhom mal-parte civile, u obbligaw ruhhom li ma jergghux jinqalghu incidenti ohra;

Rat li in vista ta’ din id-dikjarazzjoni da part ital-imputati, il-parte civile ivverbalizza li hu soddisfatt u m’ghandu ebda pretensjoni kontrihom, u ghalhekk irrinunzja ghall-azzjoni kontrihom;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 383 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti tiddikkjara l-procediment ezawrit ghar-rigward l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Igino Grech u Carmel Grech

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------